VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,912, 8 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 153 tal-2012

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal-2012 dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2012 dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra.

(2) Dan l-Ordni għandu jitqies li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2012.

Kamp ta' applikazzjoni.

A. L. 249 tal-2004.

2. L-għan ta' dan l-Ordni hu li jimplimenta d-Direttiva 2010/24/UE dwar l-Assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra u li jħassar l-Ordni dwar l-Implimentazzjoni ta' Direttiva 76-308-EEC (Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet dwar ċertu Imposti, Dazji, Taxxi u Miżuri oħra).

Tifsir.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Kap. 460.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

"awtorità applikanti" tfisser uffiċċju ċentrali ta' kollegament, uffiċċju ta' kollegament jew dipartiment ta' kollegament ta' Stat Membru li jagħmel talba lill-awtorità rikjesta f'Malta għall-assistenza fir-rigward ta' talba relatata ma' taxxi, dazji u miżuri oħra li huma dovuti fl-Istat Membru applikant:

Iżda meta taxxi, dazji jew miżuri oħra jkunu dovuti f'Malta, l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament taħt l-artikolu 4(3) għandu jaġixxi bħala l-awtorità applikanti ta' Malta;

"awtorità kompetenti" tfisser il-Ministru responsabbli għal finanzi kif stabbilit fl-artikolu 4;

"awtorità rikjesta" tfisser l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament imwaqqaf taħt l-artikolu 4(3), li lilu ssir talba għall-assistenza mill-awtorità applikanti ta' Stat Membru ieħor:

Iżda meta t-taxxi, dazji jew miżuri oħra huma dovuti f'Malta, l-awtorità rikjesta hija l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament, l-uffiċċju ta' kollegament jew id-dipartiment ta' kollegament tal-Istat Membru mitlub li lilu ssir talba għall-assistenza mill-awtorità applikanti f'Malta;

"id-Direttiva" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi, dazji u miżuri oħra;

"impjegat pubbliku" tfisser uffiċjal pubbliku u impjegat ta' aġenzija jew entità tal-gvern skont l-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea tal-Unjoni Ewropea;

"b'mezzi elettroniċi" tfisser l-użu ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar, inkluża l-kompressjoni diġitali, u l-ħażna ta' *data*, u l-utilizzazzjoni ta' wajers, trasmissjoni bir-radju, teknoloġiji ottiċi jew mezzi elettromanjetiċi oħrajn;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għal finanzi;

"Stat Membru" tfisser wieħed mill-Istati msemmija fit-tifsira "it-Trattat" fl-artikolu 2(1) tal-Att;

"talba għall-assistenza" tfisser talba ppreżentata minn awtorità applikanti lill-awtorità rikjesta għal informazzjoni, notifika, l-irkupru jew il-ħruġ ta' miżuri ta' prekawzjoni fir-rigward ta' taxxi, dazji jew miżuri oħra li huma dovuti fl-Istat Membru tal-applikant;

"taxxi, dazji u miżuri oħra" tfisser:

(a) it-taxxi jew id-dazji kollha ta' kull tip imposti minn jew f'isem Stat Membru jew is-sottodiviżjonijiet territorjali jew amministrattivi tiegħu, inklużi l-awtoritajiet lokali, jew f'isem l-Unjoni Ewropea;

(b) rifużjonijiet, interventi u miżuri oħra li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament totali jew parzjali tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, inklużi s-somom li jridu jinġabru b'konnessjoni ma' dawn l-azzjonijiet;

(ċ) imposti u dazji oħra previsti taħt l-organizzazzjoni komuni tas-suq għas-settur taz-zokkor;

(d) pieni amministrattivi, multi, miżati u ħlasijiet addizzjonali imposti mill-awtoritajiet amministrattivi li huma kompetenti biex jimponu t-taxxi jew id-dazji konċernati jew li jwettqu inkjesti amministrattivi jew korpi ġudizzjarji fuq talba ta' dawk l-awtoritajiet amministrattivi, relatati ma' talbiet li għalihom l-assistenza reċiproka ġiet mitluba taħt il-paragrafi (a) sa (ċ);

(e) ħlasijiet għal ċertifikati u dokumenti simili maħruġa f'konnessjoni mal-proċeduri amministrattivi relatati ma' taxxi u dazji;

(f) imgħaxijiet u spejjeż relatati ma' talbiet li għalihom l-assistenza reċiproka tkun ġiet mitluba skont il-paragrafi (a) sa (e):

Iżda dawn li ġejjin ma jammontawx għal taxxi, dazji u miżuri oħra:

(i) kontribuzzjonijiet soċjali;

(ii) drittijiet li mhumiex imsemmija fil-paragrafi (d) sa (f);

(iii) ammonti dovuti li huma kuntrattwali fin-natura tagħhom;

(iv) pieni kriminali imposti fuq il-bażi ta' prosekuzzjoni pubblika jew pieni kriminali oħra mhux koperti mill-paragrafu (a).

Awtorità kompetenti.

4. (1) Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, l-awtorità kompetenti f'Malta hija l-Ministru responsabbli għall-finanzi jew kull persuna jew persuni oħra nominati mill-Ministru permezz ta' ordni bil-miktub:

Iżda l-Ministru jista' jinnomina persuni differenti biex jaġixxu bħala l-awtorità kompetenti għal tipi differenti ta' tassazzjoni jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Ordni.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli għall-istrutturar ta' organizzazzjoni u superviżjoni tal-uffiċċji kompetenti dwar l-assistenza reċiproka skont dan l-Ordni.

(3) Fil-qadi tad-dmirijiet tagħha taħt is-subartikolu (2), l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi:

(a) uffiċċju ċentrali ta' kollegament biex iservi bħala l-

kuntatt prinċipali ma' Stati Membri oħra fil-qasam tal-assistenza reċiproka kopert b'dan l-Ordni;

(b) uffiċċji ta' kollegament li jkunu responsabbli għall-kuntatti ma' Stati Membri oħra dwar assistenza reċiproka fir-rigward ta' kategorija waħda jew aktar ta' taxxi u dazji.

(4) Għall-twettiq aħjar tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Ordni, l-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħat kollha meħtieġa sabiex twettaq dawk il-funzjonijiet u biex tagħmel l-affarijiet kollha li jistgħu jkunu meħtieġa jew anċillari għall-prestazzjoni ta' dawk il-funzjonijiet, inkluż is-setgħa biex jitolbu u jiksbu informazzjoni u assistenza oħra minn xi impjegat pubbliku.

Uffiċċju ċentrali ta' kollegament, uffiċċji ta' kollegament u d-dipartimenti ta' kollegament.

5. (1) Għandha tkun il-funzjoni tal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament li jaġixxi bħala awtorità rikjesta jew awtorità applikanti, kif ikun il-każ. Għandu jkun ukoll responsabbli għat-tqassim ta' talbiet lill-uffiċċji ta' kollegament skont il-kamp ta' kompetenza tagħhom u biex jassistu l-uffiċċji ta' kollegament fit-talbiet tagħhom.

(2) Għandha tkun il-funzjoni tal-uffiċċju ta' kollegament li jittratta t-talbiet mgħoddija lilu mill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament, u biex jagħmel kuntatt ma' Stati Membri oħra dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-assistenza reċiproka fil-kamp ta' kompetenza tiegħu. Meta jiġu trattati talbiet, uffiċċju ta' kollegament għandu jaġixxi skont il-prattiki jew proċeduri tiegħu stess, u għandu jżomm l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament infurmat bl-eżitu tal-azzjonijiet meħuda minnu.

(3) Kull komunikazzjoni mibgħuta minn uffiċċju ta' kollegament lil Stat Membru ieħor għandha tintbagħat mill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament.

(4) Uffiċċju ta' kollegament -

(a) li jirċievi talba barra l-kompetenza mogħtija lilu mill-awtorità kompetenti, għandu jibgħat it-talba lill-uffiċċju kompetenti jew lid-dipartiment konċernat;

(b) li ma jafx l-uffiċċju kompetenti jew dipartiment taħt il-paragrafu (a), għandu jgħaddi t-talba lill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament u jinforma lill-applikant kif xieraq.

(5) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Ordni, l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament jew l-uffiċċji ta' kollegament għandhom:

(a) jivvalutaw kull talba fuq bażi ta' każ b'każ;

(b) jikkomunikaw ma' Stati Membri oħra permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi;

(ċ) jaġixxu b'mod effiċjenti;

(d) jittrattaw b'mod kunfidenzjali kull informazzjoni komunikata jew miksuba minnhom fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.

Assistenza għall-iskambju ta' informazzjoni.

6. (1) Talba għal informazzjoni minn awtorità applikanti lil awtorità rikjesta għandha ssir fil-formola *standard* prevista taħt l-Ewwel Skeda.

(2) Wara li tkun irċeviet talba għal informazzjoni minn awtorità applikanti, l-awtorità rikjesta għandha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), tipprovdi lill-awtorità applikanti informazzjoni li tkun imbassra rilevanti għall-irkupru tat-talba taħt dan l-Ordni, inkluż fejn meħtieġ, li twettaq l-investigazzjonijiet amministrattivi biex tinkiseb dik l-informazzjoni.

(3) It-tipi ta' informazzjoni li ġejjin jistgħu jiġi miċħuda milli jingħataw mill-awtorità rikjesta:

(a) informazzjoni li ma tistax tinkiseb mill-awtorità rikjesta għall-fini li tirkupra talbiet simili li jinqalgħu f'Malta;

(b) informazzjoni li tiżvela sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali;

(ċ) informazzjoni li l-iżvelar tagħha jippreġudika s-sigurtà jew imur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta:

Iżda l-informazzjoni miżmuma minn istituzzjoni bankarja jew finanzjarja oħra, *nominee*, persuna li taġixxi f'aġenzija jew f'kapaċità fiduċjarja, jew informazzjoni li għandha x'taqsam ma' interess ta' sjieda ta' persuna, sakemm din ma tistax tiġi miċħuda mill-awtorità rikjesta taħt il-paragrafi (a) sa (ċ), m'għandhiex titqies bħala informazzjoni privileġġjata u għalhekk għandha tiġi żvelata.

(4) Meta l-awtorità rikjesta għandha raġuni biex tiċħad talba għal informazzjoni, hija għandha tinforma lill-awtorità applikanti bir-raġunijiet għaċ-ċaħda mingħajr dewmien.

Ftehim ma' awtorità applikanti dwar uffiċjali.

7. L-awtorità rikjesta tista', bil-ħsieb li tippromwovi l-assistenza reċiproka, tilħaq ftehim ma' awtorità applikanti li bih l-uffiċjali tal-awtorità applikanti jistgħu:

(a) ikunu preżenti fl-uffiċċji fejn l-awtoritajiet

amministrattivi ta' Malta jaqdu dmirijiethom;

(b) ikunu preżenti waqt indaġnijiet amministrattivi mwettqa f'Malta;

(ċ) jassistu lill-uffiċjali kompetenti ta' Malta matul il-proċedimenti tal-qorti f'Malta;

(d) safejn huwa permess skont il-liġi ta' Malta, jintervistaw l-individwi u jeżaminaw ir-*records*:

Iżda l-uffiċjali awtorizzati mill-awtorità applikanti biex iwettqu xi funzjoni skont il-paragrafi (a) sa (d) għandhom ikunu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni bil-miktub dwar l-identità u l-kapaċità uffiċjali tagħhom.

Assistenza għan-notifika ta' dokumenti.

8. (1) Talba għal notifika ta' dokumenti minn awtorità applikanti lill-awtorità rikjesta għandha ssir fuq il-formola *standard* prevista taħt it-Tieni Skeda, u għandha tkun akkumpanjata bil-Formola ta' Notifika Uniformi prevista taħt it-Tielet Skeda.

(2) Meta tirċievi talba għal notifika magħmula mill-awtorità applikanti, l-awtorità rikjesta għandha tippreżenta rikors li jitlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha, skont il-każ, sabiex jordnaw li d-dokument, inkluż dokumenti ta' natura ġudizzjarja, jiġi notifikat lill-persuna li lilha n-notifika hija meħtieġa.

(3) Il-Qorti għandha, fuq talba bħal din, tordna biex id-destinatarju jiġi notifikat bid-dokumenti u b'kopja tal-imsemmi rikors.

Kap.12.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u xi Regoli tal-Qorti rilevanti għandhom japplikaw għan-notifika li għaliha japplika dan l-artikolu bħalilkieku d-dokument inkwistjoni kien att ġudizzjarju.

(5) Ir-Reġistratur tal-Qrati għandu jżomm *record* u kopja tar-rikorsi kollha li għalihom japplika dan l-artikolu u jinforma minnufih lill-awtorità li qed tagħmel ir-rikjesta kull meta ssir in-notifika u kull meta tiġi identifikata jew tinqala' xi diffikultà b'konnessjoni mal-eżekuzzjoni tan-notifika.

(6) L-awtorità rikjesta għandha tinforma lill-awtorità applikanti dwar kull azzjoni meħuda wara t-talba tagħha u bl-eżitu tal-proċess tan-notifika.

(7) Talba għal notifika tista' tiġi preżentata biss minn awtorità applikanti lill-awtorità li qed tagħmel ir-rikjesta jekk l-awtorità applikanti ma tkunx tista' tinnotifika d-dokumenti skont ir-regoli fl-Istat Membru applikant jew meta din in-notifika tagħti lok għal diffikultajiet sproporzjonati.

(8) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) għandhom ikunu bla ħsara għal kull forma ta' notifika oħra li tkun saret minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru applikant skont ir-regoli fis-seħħ f'dak l-Istat Membru.

(9) Awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor tista' tinnotifika kull dokument direttament bil-posta reġistrata jew elettronika lil persuna f'Malta.

Talba għal għajnuna għall-irkupru.

9. (1) Talba minn awtorità applikanti lil awtorità rikjesta għall-irkupru ta' talba li hija suġġetta għal strument li jippermetti infurzar fl-Istat Membru applikant, flimkien mal-Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar, għandha ssir fuq il-formoli *standard* previsti taħt ir-Raba' u l-Ħames Skeda rispettivament.

(2) It-talba għall-irkupru tista' tkun akkumpanjata minn dokumenti oħra li għandhom x'jaqsmu mat-talba maħruġa fl-Istat Membru applikant.

(3) Meta tirċievi rikjesta għall-irkupru ta' talba taħt is-subartikolu (1), l-awtorità rikjesta għandha tikkunsidra t-talba bħala dejn li jinqala' f'Malta, u għandha tapplika l-proċedura dwar l-irkupru tal-istess dejn f'Malta. L-awtorità rikjesta għandha wkoll żżomm imgħax fuq ħlas tard skont il-liġi ta' Malta fuq l-ammont tat-talba mid-data li fiha r-rikjesta għal irkupru tkun riċevuta mill-awtorità mitluba:

Iżda meta ma jkunx hemm talba taħt il-Liġi ta' Malta bħal dik mitluba mill-awtorità applikanti, l-awtorità rikjesta għandha tapplika l-proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-irkupru ta' taxxa jew dazju li hija simili għal dik mitluba mill-awtorità applikanti:

Iżda wkoll jekk ma jkunx hemm taxxa jew dazju f'Malta simili għal dik mitluba mill-awtorità applikanti, l-awtorità rikjesta għandha tapplika l-proċedura applikabbli għall-irkupru ta' taxxa imposta fuq id-dħul personali.

(4) L-awtorità rikjesta tista' tirrifjuta li tassisti l-awtorità applikanti għall-irkupru ta' talba f'Malta, jekk:

(a) it-talba jew l-istrument li jippermettu l-infurzar tagħhom ġew kontestati fl-Istat Membru applikant u l-awtorità

applikanti ma tkunx speċifikament talbet l-irkupru tat-talba kontestata jew parti minnha;

(b) l-awtorità applikanti ma tkunx eżawriet ir-rimedji proċedurali fl-Istat Membru tagħha:

Iżda -

(i) fejn id-debitur m'għandux attiv fl-Istat Membru applikant; jew

(ii) l-attiv tad-debitur ma jkunux biżżejjed biex jagħmel tajjeb għat-talba b'mod sħiħ; u

(iii) l-awtorità applikanti ġiet infurmata li d-debitur għandu attiv f'Malta; jew

(iv) jekk tirrikorri għall-proċeduri fl-Istat Membru applikant, dan jagħti lok għal diffikultajiet sproporzjonati,

l-awtorità applikanti tista' tissottometti talba lill-awtorità rikjesta mingħajr ma tirrikorri għall-proċedura ta' rkupru fl-Istat Membru tagħha.

(5) L-awtorità rikjesta, meta tirċievi l-istrument li jippermetti l-infurzar, tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha, kif ikun il-każ, permezz ta' rikors, biex tordna r-reġistrazzjoni tal-imsemmi dokument, u biex tiddikjara li r-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva jkunu ġew imħarsa. It-talba għandha tiġi speċifikata fil-munita Maltija.

(6) Il-Qorti għandha tordna li kopja tal-imsemmi rikors u tad-dokument għandhom jiġu notifikati lid-debitur u lil kull parti oħra indikata fir-rikors.

(7) Il-Qorti għandha tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument inkwistjoni, u d-dokument għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

(8) Ir-Reġistratur tal-Qrati għandu jżomm *record* u kopja tar-rikorsi kollha li għalihom japplika dan l-artikolu. Huwa għandu minnufih jinforma lill-awtorità rikjesta kull meta issir notifika ta' dak ir-rikors u kull meta tiġi identifikata jew tinqala' diffikultà b'konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' xi notifika bħal din.

(9) L-awtorità rikjesta tista', safejn huwa permess taħt il-liġi ta' Malta, tagħti lid-debitur żmien biex iħallas id-dejn dovut jew tippermetti lid-debitur biex jagħmel il-ħlasijiet tiegħu bin-nifs, bla

ħsara għall-ħlas ta' imgħax impost mid-data tan-notifika sad-data tal-pagament effettiv.

(10) L-awtorità rikjesta għandha:

(a) tinforma lill-awtorità applikanti dwar:

(i) l-azzjoni meħuda dwar l-eżekuzzjoni tat-talba għall-irkupru; u

(ii) id-deċiżjoni tagħha taħt is-subartikolu (9); u

(b) tibgħat lill-awtorità applikanti l-ammont irkuprat fir-rigward tat-talba u kull imgħax marbut mal-ammont.

(11) L-ispejjeż imġarrba mill-awtorità rikjesta matul l-irkupru ta' talba għandhom jiġu rkuprati mill-persuna konċernata, u għandhom jinżammu mill-awtorità mitluba.

(12) Kull informazzjoni li l-awtorità applikanti jista' jkollha wara li tippreżenta talba lill-awtorità rikjesta, għandha tintbagħat mill-awtorità applikanti lill-awtorità rikjesta mingħajr dewmien.

Emenda jew irtirar tat-talba għall-assistenza għall-irkupru.

10. (1) Talba magħmula taħt l-artikolu 9 tista' tiġi emendata jew irtirata. L-awtorità applikanti għandha tinforma lill-awtorità rikjesta bl-emenda jew bl-irtirar, u bir-raġunijiet li wasslu għall-emenda jew l-irtirar.

(2) Meta l-emenda tat-talba hija dovuta għal deċiżjoni magħtija mill-qorti kompetenti tal-awtorità applikanti, l-awtorità applikanti għandha tikkomunika d-deċiżjoni lill-awtorità rikjesta flimkien ma' Strument Uniformi Rivedut li Jippermetti l-Infurzar fl-Istat Membru rikjest kif previst fil-Ħames Skeda. L-awtorità rikjesta għandha tipproċedi bit-teħid ta' miżuri ta' rkupru ulterjuri fuq il-bażi tal-istrument rivedut.

(3) L-istrument uniformi rivedut li jippermetti l-infurzar jista' jkun akkumpanjat bid-dokumenti oħra li għandhom x'jaqsmu mat-talba magħmula fl-Istat Membru applikant.

(4) Meta l-awtorità rikjesta tkun ħadet miżuri ta' rkupru jew ta' prekawzjoni fuq il-bażi ta' strument uniformi oriġinali li jippermetti l-infurzar, l-irkupru jew il-miżuri ta' prekawzjoni jistgħu jitkomplew abbażi tal-istrument rivedut:

Iżda l-emenda tat-talba ma għandhiex tkun minħabba fl-invalidità tal-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikant jew fl-istrument uniformi oriġinali li jippermetti l-

infurzar fl-Istat Membru rikjest.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 9(1) u (2) u l-artikolu 12 għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għall-istrument rivedut maħruġ mill-Istat Membru applikant.

Talba għal miżuri kawtelatoriji.

11. (1) Talba minn awtorità applikanti lil awtorità rikjesta għall-ħruġ ta' miżuri ta' prekawzjoni għandha ssir fuq il-formola prevista taħt ir-Raba' Skeda.

(2) It-talba għall-ħruġ ta' miżuri ta' prekawzjoni għandha tkun akkumpanjata bid-dokument imfassal biex jippermetti miżuri ta' prekawzjoni fl-Istat Membru applikant. Dokumenti ta' appoġġ għat-talba għandha wkoll jiġu mehmuża mar-rikjesta.

(3) L-awtorità mitluba għandha, wara li tirċievi r-rikjesta għall-irkupru ta' talba taħt is-subartikolu (1), tikkunsidra t-talba bħala dejn li jinqala' f'Malta, u għandha tiżgura d-drittijiet ta' dak l-Istat Membru fir-rigward ta' dik it-talba permezz ta' wieħed jew aktar mill-atti kawtelatorji elenkati fl-artikolu 830 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak il-Kodiċi għandhom japplikaw.

Cap. 12.

(4) L-awtorità rikjesta għandha taderixxi mat-talba mill-awtorità applikanti taħt is-subartikolu (1) fejn:

(a) it-talba jew l-istrument li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikant hija kkontestata fiż-żmien meta ssir it-talba; jew

(b) it-talba għad mhijiex is-suġġett ta' strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikant, madankollu miżuri ta' prekawzjoni huma possibbli, f'sitwazzjonijiet simili, taħt il-liġi tal-Istat Membru applikant.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 9(3), (10)(a)(i) u (12), l-artikolu 10 u l-artikolu 12 għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal din it-talba.

Drittijiet ta' parti interessata, ġurisdizzjoni tal-Qrati, sospensjoni.

12. (1) Kull persuna li tħoss li hi aggravata:

(a) bit-talba mqajma kontriha mill-Istat Membru applikant;

(b) bl-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikant;

(ċ) bil-validità tan-notifika magħmula minn awtorità

kompetenti tal-Istat Membru applikant;

(d) bl-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru mitlub;

(e) bil-miżuri ta' infurzar meħuda fl-Istat Membru rikjest; u

(f) bil-validità tan-notifika magħmula minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest;

tista' tfittex rimedju quddiem il-qorti kompetenti skont is-subartikoli (2) u (3).

(2) Il-qrati tal-Istat Membru applikant ikunu kompetenti li jiddeterminaw it-talbiet li għandhom x'jaqsmu mas-subartikolu (1)(a) sa (d).

(3) Il-qrati tal-Istat Membru rikjest ikunu kompetenti li jiddeterminaw it-talbiet li għandhom x'jaqsmu mas-subartikolu (1)(e) u (f).

(4) Meta parti interessata tfittex rimedju skont is-subartikolu (2), l-awtorità applikanti għandha tinforma lill-awtorità rikjesta bil-preżentata tal-proċeduri, sa fejn it-talba qed tiġi kkontestata, u jekk l-awtorità rikjesta għandhiex tirkupra t-talba kkontestata jew parti minnha.

(5) Meta tirċievi l-informazzjoni mill-awtorità applikanti jew mill-parti interessata konċernata, l-awtorità rikjesta għandha tissospendi l-proċedura ta' infurzar fir-rigward tal-parti tat-talba kkontestata, sakemm ma tkunx speċifikament ġiet rikjesta mill-awtorità applikanti sabiex tirkupra t-talba kkontestata jew parti minnha skont is-subartikolu (4):

Iżda l-irkupru tat-talba jew ta' parti minnha għandu jkun permissibbli taħt il-liġi ta' Malta, u t-talba preżentata għandha tkun ġustifikata mill-awtorità applikanti:

Iżda wkoll jekk il-kontestazzjoni tiġi deċiża favur id-debitur, l-awtorità applikanti għandha tirrimborża l-awtorità rikjesta b'kull somma rkuprata u b'kull kumpens ieħor dovut skont il-liġi ta' Malta.

(6) Bla ħsara għas-subartikolu (5) u għall-artikolu 10, l-awtorità rikjesta tista', fuq talba tal-awtorità applikanti jew meta jidhrilha li jkun meħtieġ, tieħu l-miżuri ta' prekawzjoni kollha meħtieġa skont il-liġi Maltija, biex tiżgura l-irkupru tad-dejn dovut.

(7) (a) Meta tinbeda proċedura ta' ftehim reċiproku mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru applikant jew tal-Istat Membru rikjest, u l-eżitu tal-proċedura jista' jaffettwa t-talba li għaliha ġiet mitluba l-assistenza, il-miżuri ta' rkupru għandhom jiġu sospiżi jew jitwaqqfu sakemm dik il-proċedura tkun intemmet.

(b) Meta l-miżura ta' rkupru tkun ġiet sospiża jew twaqqfet skont il-paragrafu (a), l-awtorità mitluba tista' tieħu miżuri ta' prekawzjoni biex tiggarantixxi l-irkupru.

(ċ) Bla ħsara għall-paragrafu (a), il-miżuri ta' rkupru ma għandhomx jiġu sospiżi jew jitwaqqfu f'każ ta' urġenza immedjata minħabba frodi jew insolvenza.

Limiti għall-obbligi tal-awtorità rikjesta.

13. (1) L-Istat Membru rikjest jista' jirrifjuta li jagħti assistenza għal talba ppreżentata mill-awtorità applikanti:

(a) skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 9 sa 12, jekk l-irkupru tat-talba, fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-debitur, joħloq diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji fl-Istat Membru rikjest;

(b) skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 6 sa 12, jekk it-talba għall-assistenza għandha x'taqsam ma' talba li kienet dovuta fl-Istat Membru applikant ħames snin qabel id-data tat-talba inizjali:

Izda meta t-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikant huma kkontestati, il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin għandu jibda jiddekorri mid-data meta jiġi stabbilit fl-Istat Membru li t-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar ma jistgħux jiġu aktar ikkontestati:

Iżda wkoll f'każ li għandu x'jaqsam ma' posponiment tal-pagament jew ta' pjan ta' ħlas mogħti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru applikant, il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin għandu jibda jiddekorri meta jintemm il-perjodu tal-pagament, u bil-kondizzjoni li ma jkunux għaddew għaxar snin mid-data meta t-talba kienet dovuta fl-Istat Membru applikant.

(2) L-Istat Membru rikjest jista' wkoll jirrifjuta li jagħti assistenza għal talba ppreżentata mill-awtorità applikanti fir-rigward ta' talba ta' taħt elf u ħames mitt euro (€1,500).

(3) Meta l-awtorità rikjesta tirrifjuta li tagħti assistenza skont is-subartikoli (1) u (2), din għandha tinforma lill-awtorità applikanti bir-raġunijiet għar-rifjut.

VERŻJONI ELETTRONIKA

14. (1) Il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jiġi regolat bil-liġijiet tal-Istat Membru applikant. Perjodu ta' preskrizzjoni.

(2) Kull azzjoni meħuda għall-irkupru ta' talbiet minn jew f'isem l-awtorità rikjesta, fir-rigward ta' talba għal assistenza, li:

(a) twassal għas-sospensjoni, l-interruzzjoni jew it-titwil tal-perjodu ta' preskrizzjoni skont il-liġijiet ta' Malta, għandha torbot lill-Istat Membru applikant sakemm l-Istat Membru applikant jirrikonoxxi kawżi simili taħt il-liġijiet tiegħu;

(b) ma twassalx għas-sospensjoni, l-interruzzjoni jew it-titwil tal-perjodu ta' preskrizzjoni skont il-liġijiet ta' Malta, iżda setgħet kellha l-istess effett fl-Istat Membru applikant li kieku dik l-azzjoni saret mill-awtorità applikanti fl-Istat Membru tagħha, għandha titqies li kienet ittieħdet fl-Istat Membru applikant.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) huma bla ħsara għal kull miżura li l-awtoritajiet tal-Istat Membru applikant jistgħu jieħdu biex jissospendu, jinterrompu jew itawwlu il-perjodu ta' preskrizzjoni skont il-liġijiet tal-Istat Membru applikant.

(4) L-awtorità applikanti u l-awtorità rikjetsa għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar kull azzjoni meħuda li jista' jkollha effett fuq is-sospensjoni, l-interruzzjoni jew it-titwil tal-perjodu ta' preskrizzjoni fir-rigward ta' talbiet li għalihom ġew mitluba l-miżuri ta' rkupru jew ta' prekawzjoni.

15. (1) L-ebda spiża ma tkun dovuta bejn l-awtorità applikanti u l-awtorità rikjesta għal assistenza mogħtija skont dan l-Ordni. Spejjeż.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1):

(a) jista' jintlaħaq ftehim bejn l-awtorità applikanti u l-awtorità rikjesta għar-rimborż ta' spejjeż, meta l-ammont ta' spejjeż minfuqa hu għoli, għandu x'jaqsam ma' problema speċifika, jew ma' kriminalità organizzata;

(b) l-awtorità applikanti għandha tirrimborża l-ispejjeż jew it-telf magħmulin mill-awtorità rikjesta bħala riżultat ta' azzjoni meħuda mill-awtorità rikjesta fir-rigward ta' talbiet li huma sostanzjalment infondati jew meta l-istrument li jippermetti l-infurzar u, jew miżuri ta' prekawzjoni maħruġa mill-awtorità applikanti huma infondati.

Żvelar ta' informazzjoni u dokumentazzjoni.

16. (1) L-informazzjoni li tiġi komunikata bejn l-awtorità applikanti u l-awtorità rikjesta f'konformità ma' dan l-Ordni għandha tkun soġġetta għas-segretezza uffiċjali u tgawdi mill-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili taħt il-liġijiet ta' Malta jekk dik l-informazzjoni tiġi riċevuta f'Malta. Jekk l-informazzjoni msemmija hija trasmessa minn Malta lejn Stat Membru ieħor, l-informazzjoni tkun soġġetta għall-protezzjoni mogħtija minn dak l-Istat Membru.

(2) Jekk l-informazzjoni hija riċevuta f'Malta:

(a) l-informazzjoni tista' tiġi invokata jew użata bħala evidenza mill-awtoritajiet kollha f'Malta bl-istess mod bħal ma l-awtoritajiet jinvokaw u jużaw informazzjoni simili f'Malta;

(b) tista' tintuża għall-għan li jiġu applikati miżuri ta' infurzar jew ta' prekawzjoni fir-rigward ta' talba koperta b'dan l-Ordni jew għall-valutazzjoni u l-infurzar tal-kontribuzzjoni obbligatorja tas-sigurtà soċjali:

Iżda l-Istat Membru li jkun ipprovda dan it-tagħrif jista' jippermetti l-użu tal-informazzjoni f'Malta lil hinn mill-għanijiet indikati taħt is-subartikolu (2), meta l-leġislazzjoni tiegħu tippermetti dan taħt għanijiet simili.

(3) Applikant jew awtorità rikjesta tista' tittrasmetti l-informazzjoni miksuba skont dan l-Ordni lil Stat Membru terz, jekk tqis li dik l-informazzjoni tkun utli għall-għanijiet imsemmija fis-subartikolu (1). L-Istat Membru ta' oriġini tal-informazzjoni għandu jiġi debitament infurmat u jista' uffiċjalment joġġezzjona għall-iskambju ta' informazzjoni fi żmien għaxart ijiem minn meta jirċievi dik it-talba.

(4) (a) Persuni akkreditati mill-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea għall-kura, għall-manutenzjoni u għall-iżvilupp tan-Netwerk CCN jistgħu jkollhom aċċess għall-informazzjoni trasmessa bejn awtorità applikanti u l-awtorità rikjesta.

(b) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "Netwerk CCN" tfisser il-pjattaforma komuni bbażata fuq in-netwerk komuni ta' komunikazzjoni (CCN) żviluppata mill-Unjoni Ewropea għat-trasmissjonijiet kollha b'mezzi elettroniċi bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam doganali u fiskali.

Revoka u riżerva. A.L. 249 tal-2004

17. (1) L-Ordni tal-2004 dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva 76/308/EEC (Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet dwar ċertu Imposti, Dazji, Taxxi u Miżuri oħra) hu b'dan revokat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), kull talba li kienet għadha pendenti qabel id-data tar-revoka tal-Ordni tal-2004 dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva 76/308/EEC (Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet dwar ċertu Imposti, Dazji, Taxxi u Miżuri oħra), inklużi talbiet magħmula taħt id-Direttiva 2008/55KEE, għandha tiġi ttrattata bħala talba soġġetta għal dan l-Ordni.

B 1244

L-EWWEL SKEDA
Rikjesta għall-informazzjoni

RIKJESTA GĦALL- INFORMAZZJONI

Ibbażat fuq:

☐ Art. 5 tad-Direttiva 2010/24/UE

☐ Ftehim bilaterali ta' [data] bejn [ismijiet tal-Istati kontraenti]

☐ Konvenzjoni dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet tat-taxxa ta' 25.01.1988 (Kunsill tal-Ewropa / *OECD*)

☐ Ftehim multilaterali: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**

Referenza: AA_RA_aaaaaaaaaaa_rrrrrrrrrrr_20SSXXJJ_xxxxxxx_RI

Natura tat-talba (xxxxxxx):

☐ a) dazji doganali

☐ b) taxxa fuq il-valur miżjud

☐ c) dazji tas-sisa

☐ d) taxxa fuq dħul jew kapital

☐ e) taxxa fuq il-primjums tal-assigurazzjoni

☐ f) taxxi fuq wirt u donazzjoni

☐ g) taxxi u dazji nazzjonali fuq proprjetà immobbli, apparti dawk imsemmija hawn fuq

☐ h) taxxi u dazji nazzjonali fuq l-użu jew is-sjieda ta' mezzi tat-trasport

☐ i) taxxi u dazji oħra imposti minn jew f'isem l-Istat applikant

☐j) taxxi u dazji imposti minn jew f'isem sottodiviżjonijiet territorjali jew amministrattivi tal-Istat applikant, eskluż taxxi u dazji imposti mill-awtoritajiet lokali

☐ k) taxxi u dazji imposti minn jew f'isem awtoritajiet lokali

☐ l) talba oħra bażata fuq it-taxxa

☐ m) imposti agrikoli (ammonti li jaqgħu taħt l-Art. 2 (1) (b) u (ċ) tad-Dir. 2010/24/UE)

1. STAT TAL-AWTORITÀ APPLIKANTI		
Awtorità applikanti A. Pajjiż: Isem: Telefon: Referenza tal-fajl: Isem l-uffiċjal li qed jitratta t-talba: Ħiliet lingwistiċi		**B. Uffiċċju li beda t-talba** Isem: Indirizz: Kodiċi postali: Belt: Telefon: E-mail: Referenza tal-fajl: Isem l-uffiċjal li qed jitratta t-talba:

2. STAT TAL-AWTORITÀ RIKJESTA		
A. Awtorità rikjesta Pajjiż: Isem: Telefon: Referenza tal-fajl: Isem l-uffiċjal tittratta t-talba: Ħiliet lingwistiċi		**B. Uffiċċju li qed jieħu ħsieb it-talba** Isem: Indirizz: Kodiċi postali: Belt: Telefon: E-mail: Referenza tal-fajl: Isem l-uffiċjal li qed jitratta t-talba:

3. INFORMAZZJONI RELATATA MAR-RIKJESTA
☐ Din ir-rikjesta tinkludi talbiet li ilhom aktar minn 5 snin, li jiddataw mid-data dovuta tat-talbiet sad-data tar-rikjesta inizjali għal assistenza (għal talbiet ikkontestati jew strumenti li jippermettu l-infurzar: mill-mument li fih it-talba jew l-istrument li jippermetti l-infurzar ma jistax jiġi kkontestat). [bażi legali oħra ☐ Din ir-rikjesta tinkludi talbiet li huma għandhom xx –il sena] Għal din (dawn) it-talba (talbiet), ir-rikjesta hija bbażata fuq iċ-ċirkostanzi li ġejjin: ☐ Din ir-rikjesta hija konnessa ma rikjesta oħra ta' 20SS/XX/JJ, li kienet ipproċessata mill-awtorità rikjetsa taħt in-numru ta' referenza: [mhux obbligatorja]
☐ Rikjesta simili qed tintbagħat lill-awtorità(jiet) kompetenti li ġej(jin) fl-Istat tal-awtorità rikjesta: ☐ Rikjesta simili qed tintbagħat lill-awtorità(jiet) kompetenti fl-Istat(i) li ġejjin: ☐ *L-ammont totali tat-talba (iet) huwa inqas mil-limitu (jekk il-bażi legali timponi kondizzjonijiet f'dan ir-rigward) [Dan m'għandux jidher jekk il-bażi legali hija d-Direttiva tal-UE*.] ☐ Jien, l-awtorità applikanti, nitlob lill-awtorità rikjesta biex ma tinformax lill-persuna (i) kkonċernati dwar din it-talba. ☐ Jien, l-awtorità applikanti, nikkonferma li l-informazzjoni li għandha tiġi rċevuta għandha tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet imfissra fil-bażi legali kkwotata hawn fuq.

B 1246

4. INFORMAZZJONI DWAR IL-PERSUNA KONĊERNATA

A. Informazzjoni hija mitluba fir-rigward ta':

☐ persuni fiżiċi:

Isem (ismijiet):

Kunjom:

Isem ta' xebba (isem fit-twelid):

Data tat-twelid:

Post tat-twelid:

Numru tal-VAT:

Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa:

Data oħra ta' identifikazzjoni:

Indirizz ta' din il-persuna: ☐ magħruf - ☐ sopponut

- Triq u numru:
- Dettalji tal-indirizz:
- Kodiċi postali u belt:
- Pajjiż:

☐ *Jew għal entitajiet legali:*

Isem il-Kumpannija:

Status legali

Numru tal-VAT:

Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa:

Data oħra ta' identifikazzjoni:

Indirizz ta' din l-entità legali: ☐ magħruf - ☐ sopponut

- Triq u numru:
- Dettalji tal-indirizz:
- Kodiċi postali u belt:
- Pajjiż:

☐ Rappreżentant legali

Isem:

Indirizz ta' dan ir-rappreżentant legali: ☐ magħruf - ☐ sopponut

Triq u numru:

Dettalji tal-indirizz:

Kodiċi postali u belt:

Pajjiż:

B. Responsabbiltà: il-persuna kkonċernata hija:

☐ id-debitur prinċipali

☐ kodebitur

☐ il-persuna għajr il-(ko)debitur, responsabbli għall-ħlas tat-taxxi, dazji u miżuri oħra, jew għal talbiet oħra relatati ma' dawn it-taxxi, dazji u miżuri oħra taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat applikant;

☐ persuna li ma tkunx il-(ko)debitur, li jkollha attiv li jkunu ta', jew ikollu djun lejn, il-(ko)debitur jew għal kull persuna responsabbli oħra.

☐ parti terza li tista' ssir affettwata minn miżuri ta' infurzar li jikkonċernaw persuni oħra.

C. Informazzjoni rilevanti oħra dwar il-persuni msemmija hawn fuq:

☐ numru (i) tal-kont tal-Bank

- Numru tal-kont tal-Bank (IBAN):
- Kodiċi tal-identifikazzjoni tal-Bank (BIC):
- Isem tal-bank:

☐ informazzjoni dwar il-karozza fi 20SS/XX/JJ

- numru tal-pjanċa tal-karozza:
- marka tal-karozza:
- kulur tal-karozza:

☐Valutat jew provviżorji jew ☐ ammont preċiż tat-talba (i):

☐ Oħra: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**

5. INFORMAZZJONI RIKJESTA
☐ Informazzjoni dwar l-identità tal-persuna konċernata (għal persuni naturali: isem sħiħ, data u post tat-twelid; għal entitajiet legali: isem il-kumpannija u status legali)
☐ Informazzjoni dwar l-indirizz
☐ Informazzjoni dwar id-dħul u l-attiv għall-irkupru
☐ Informazzjoni dwar l-eredi u/jew is-suċċessuri legali
☐ Oħrajn: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**

6. SEGWITU TAR-RIKJESTA GĦALL-INFORMAZZJONI			
Data	**Nru Messaġġ**	**Awtorità applikanti**	**Awtorità rikjesta**
SS/XX/JJ	**1** ☐Jiena, l-awtorità rikjesta, nirrikonoxxi li rċevejt ir-rikjesta.		
SS/XX/JJ ☐Biex jiġi kombinat ma' rikonoxximent	**2** ☐Jiena, l-awtorità rikjesta, nistieden lill-awtorità applikanti biex tlesti r-rikjesta bl-informazzjoni addizzjonali li ġejja: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**		
SS/XX/JJ	**3** ☐ Jiena, l-awtorità rikjesta, għadni ma rċevejtx l-informazzjoni addizzjonali rikjetsa u ser nagħlaq it-talba tiegħek jekk ma nirċeviex din l-informazzjoni qabel *SS/XX/JJ*		
SS/XX/JJ	**4** Jien, l-awtorità applikanti, ☐ **a** **n**ipprovdi, fuq rikjesta, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa** ☐ **b** ma nistax nipprovdi l-informazzjoni addizzjonali rikjesta (għaliex: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**)		
SS/XX/JJ	**5** ☐ Jiena, l-awtorità rikjesta, nirrikonoxxi li rċevejt l-informazzjoni addizzjonali u issa qegħda f'pożizzjoni li nipproċedi.		

B 1248

☐ ☐Biex jiġi kombinat ma' rikonoxximent jew ☐ rikonoxximent ta' informazzjoni addizzjonali	**6** Jiena, l-awtorità rikjesta, ma nipprovdix l-assistenza u nagħlaq il-każ minħabba li: ☐ **a** Jien m'għandix l-kompetenza għal ebda talba li tirreferi għaliha r-rikjesta. ☐ **b** it-talba ilha aktar minn 5 [15]-il sena *[Jekk konvenzjoni bilaterali jew multilaterali oħra hija magħżula bħala bażi legali: "it-talba għandha iktar żmien milli kien previst fil-konvenzjoni ".]* ☐ **ċ** *l-ammont tat-talba huwa taħt il-limitu. [Din l-għażla m'għandhiex tidher jekk it-talba hija bbażata fuq id-direttiva.]* ☐ **d** jiena mhux kapaċi nikseb din l-informazzjoni għall-għan li nirkupra talbiet nazzjonali simili. ☐ **e** dan jiżvela sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali. ☐ **f** l-iżvelar ta' din l-informazzjoni jista' jippreġudika s-sigurtà jew imur kontra l-ordni pubbliku tal-Istat. ☐ **g** l-awtorità applikanti ma pprovdietx l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa ☐ **h** raġuni oħra**: Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**
SS/XX/JJ	**7** ☐ Jiena, l-awtorità applikanti, nitlob li niġi infurmata dwar l-i*status* preżenti tat-talba tiegħi.
SS/XX/JJ	**8** Jiena, l-awtorità rikjesta, ma nistax nipprovdi l-informazzjoni issa minħabba li: ☐ Tlabt għal informazzjoni minn korpi pubbliċi oħrajn ☐ Tlabt għal informazzjoni minn parti terza ☐ Qed nagħmel arranġament għal sejħa personali ☐ raġuni oħra: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**
SS/XX/JJ	**9** L-informazzjoni rikjesta ma tistax tinkiseb minħabba li: ☐**a** l-persuna konċernata mhix magħrufa. ☐**b** m'hemmx biżżejjed *data* għall-identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata. ☐**ċ** il-persuna kkonċernata iċċaqalqet, l-indirizz mhux magħruf. ☐**d** l-informazzjoni rikjesta mhijiex disponibbli. ☐**e** raġuni oħra: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**
SS/XX/JJ	**10** ☐ Jiena, l-awtorità rikjesta, nittrasmetti l-parti li ġejja mill-informazzjoni rikjesta:

SS/XX/JJ	**11** Jiena, l-awtorità rikjesta, nittrasmetti l-informazzjoni rikjesta kollha (jew il-parti finali): ☐ Identità konfermata ☐ Indirizz konfermat ☐ Id-*data* li ġejja dwar l-identità tal-persuna konċernata nbidlet (jew ġiet miżjuda): *Għal persuni naturali:* ☐ Isem (ismijiet): ☐ Kunjom: ☐ Isem xebba: ☐ Data tat-twelid: ☐ Post tat-twelid: *Għal entitajiet legali*: ☐ Status Legali: ☐ Isem il-Kumpannija: ☐**d** Id-*data* tal-indirizz li ġej inbidlet (jew ġiet miżjuda): ☐Triq u nru: ☐Dettalji tal-indirizz: ☐Kodiċi postali u belt: ☐Pajjiż: ☐Telefon: ☐Fax: ☐E-mail*:* ☐ **e** Sitwazzjoni finanzjarja: ☐ kont (ijiet) tal-Bank magħrufa: numru tal-kont tal-Bank (IBAN): ... identifikazzjoni tal-kodiċi tal-Bank (BIC): ... Isem tal-bank: ... ☐ dettalji tal-Impjieg: ☐ Impjegat - ☐ jaħdem għal rasu - ☐ ma jaħdimx ☐ Jidher li l-persuna konċernata m'għandha l-ebda mezzi biex tħassas id-dejn/l-ebda attiv biex tkopri l-irkupru ☐ Il-persuna konċernata hija falluta / insolventi:- - Data tal-ordni: - Data tar-rilaxx: - Dettalji tal-likwidatur: ...Isem ... ...Triq u nru: ... Dettalji tal-indirizz: ... Kodiċi postali u belt: ... Pajjiż:

B 1250

	☐ Jidher li l-persuna kkonċernata għandha: ☐ mezzi limitati biex tħallas id-dejn parzjalment ☐ mezzi suffiċjenti / attiv għall-irkupru ☐ Kummenti: ☐ **f** Dejn ikkontestat ☐ il-persuna kkonċernata ingħatat il-parir li tikkontesta t-talba fl-Istat tal-awtorità applikanti ☐ referenzi tat-tilwima, jekk disponibbli: ☐ aktar dettalji mehmuża ☐ **g** Debitur miet fi SSSS/XX/JJ ☐ **h** Isem u indirizz tal-eredi / eżekutur testamentarju: ☐ **i** Kummenti oħra: ☐ **j** Nirrakkomanda li jitkomplew il-proċeduri ta' rkupru ☐ **k** Nirrakomanda li ma jitkomplewx il-proċeduri ta’ rkupru
SS/XX/JJ	**12** ☐ Jiena, l-awtorità applikanti, nirtira r-rikjesta tiegħi għall-informazzjoni.
SS/XX/JJ	☐ Oħrajn: kumment minn◯ awtorità applikanti jew◯awtorità rikjesta: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**

B 1251

IT-TIENI SKEDA
Rikjesta għal notifika

RIKJESTA GĦAL NOTIFIKA

Ibbażat fuq:
☐Art. 8 tad-Direttiva 2010/24/UE
☐ *ftehim bilaterali ta' [data] bejn [ismijiet tal-Istati kontraenti]*
☐*Konvenzjoni dwar l-għajnuna amministrattiva reċiproka fis-settur fiskali ta' 25.01.1988 (Kunsill tal-Ewropa / OECD)*
☐*ftehim multilaterali*: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**

Referenza: AA_RA_aaaaaaaaaaa_rrrrrrrrrrrr_20SSXXJJ_xxxxxxx_NR

Natura tat-talba (xxxxxxx):

☐ a) dazji doganali
☐ b) taxxa fuq il-valur miżjud
☐ c) dazji tas-sisa
☐ d) taxxa fuq dħul jew kapital
☐ e) taxxa fuq il-primjums tal-assigurazzjoni
☐ f) taxxi fuq wirt u donazzjoni
☐ g) taxxi u dazji nazzjonali fuq proprjetà immobbli, apparti dawk imsemmija hawn fuq
☐ h) taxxi u dazji nazzjonali fuq l-użu jew is-sjieda ta' mezzi tat-trasport
☐ i) taxxi u dazji oħra imposti minn jew f'isem l-Istat (applikant)
☐ j) taxxi u dazji imposti minn jew f'isem sottodiviżjonijiet territorjali jew amministrattivi tal-Istat (applikant), eskluži t-taxxi jew dazji imposti mill-awtoritajiet lokali
☐ k) taxxi u dazji imposti minn jew f'isem awtoritajiet lokali
☐ l) talba oħra bażata fuq it- taxxa
☐ m)imposti agrikoli (ammonti li jaqgħu taħt l-Art. 2 (1) (b) u (ċ) tad-Dir. 2010/24/UE)

1. STAT TAL-AWTORITÀ APPLIKANTI		
A. Awtorità applikanti		**B. Uffiċċju li qed jibda' r-rikjesta**
Pajjiż:		Isem:
Isem:		Indirizz:
Telefon		Kodiċi postali:
Referenza tal-fajl:		Belt:
		Telefon:
Isem l-uffiċjal li qed jittratta r-rikjesta:		E-mail:
Ħiliet lingwistiċi:		Referenza tal-fajl:
		Isem l-uffiċjal li qed jittratta r-rikjesta:

B 1252

2. STAT TAL-AWTORITÀ RIKJESTA		
A. Awtorità rikjesta Pajjiż: Isem: Telefon Referenza tal-fajl: Isem l-uffiċjal li qed jittratta r-rikjesta: Ħiliet lingwistiċi:		**B. Uffiċċju li qed jitratta r-rikjesta** Isem: Indirizz: Kodiċi postali: Belt: Telefon: E-mail: Referenza tal-fajl: Isem l-uffiċjal li qed jittratta r-rikjesta:

3. INFORMAZZJONI RELATATA MAR-RIKJESTA
☐ Din ir-rikjesta tinkludi talbiet li ilhom aktar minn 5 snin, li jiddataw mid-data dovuta tat-talbiet sad-data tar-rikjesta inizjali għall-assistenza (għal talbiet jew strumenti kontestati li jippermettu infurzar: mill-mument li fih it-talba jew l-istrument li jippermetti infurzar ma jistax jiġi kkontestat). [*bażi legali oħra*:☐ *Din it-talba tinkludi talbiet li għandhom xx –il sena*] Għal din (dawn) it-talba (iet), ir-rikjesta hija bażata fuq iċ-ċirkostanzi li ġejjin: ☐ Din ir-rikjesta hija marbuta ma' talba oħra ta' 20SS/XX/JJ, li kienet ipproċessata mill-awtorità rikjesta taħt in-numru ta' referenza: [mhux obbligatorja] ☐ Oħrajan: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**
☐ Qed tintbagħat rikjesta simili lill-awtorità kompetenti li ġejja (in) fl-Istat tal-awtorità rikjesta: ☐ *L-ammont totali tat-talba (iet) kollha huwa inqas mil-limitu (jekk il-bażi legali timponi kondizzjonijiet f'dan ir-rigward) [Dan m'għandux jidher jekk il-bażi legali hija d-Direttiva tal-UE.]*
☐ Id-data finali għan-notifika ta' dawn id-dokumenti sabiex jiġu evitati problemi bil-perjodu ta' preskrizzjoni (*jekk meħtieġ)*: 20SS/XX/JJ ☐ Data li qabilha hija rikjesta n-notifika.. 20SS/XX/JJ (Din id-data se tkun imsemmija fil-Formola ta' Notifika Uniformi kkomunikata lid-destinatarju [ara l-Art 8 (1), it-2 subpara., (b) tad-Direttiva 2010/24/UE; ara l-kaxxa B.2. tal-Formola ta' Notifika Uniformi]
☐ Kummenti oħrajn: **Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa**

4. IDENTIFIKAZZJONI TAD-DESTINATARJU TAN-NOTIFIKA

A. In-notifika għandha ssir:

☐ *Għal persuni naturali*:

Isem (ismijiet):

Kunjom:

Isem ta' xebba (isem fit-twelid):

Data tat-twelid:

Post tat-twelid:

Numru tal-VAT: SMxxx

Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa:

Data oħra ta' identifikazzjoni:

Indirizz ta' din il-persuna: ☐ *magħruf* - ☐ *sopponut*

- Triq u numru:
- Dettalji tal-indirizz:
- Kodiċi postali u belt:
- Pajjiż:

☐ Jew għal entitajiet legali:

Isem tal-Kumpannija:

Stat legali:

Numru tal-VAT: SMxxx

Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa:

Data oħra ta' identifikazzjoni:

Indirizz ta' din l-entità legali: ☐ *magħruf* - ☐ *sopponut*

Triq u numru:

Dettalji tal-indirizz:

Kodiċi postali u belt:

Pajjiż:

☐ *Rappreżentant legali*

Isem:

Indirizz ta' dan ir-rappreżentant legali: ☐ *magħruf* - ☐ *sopponut*

Triq u numru:

Dettalji tal-indirizz:

Kodiċi postali u belt:

Pajjiż:

B. Informazzjoni oħra rilevanti dwar il-persuni msemmija hawn fuq: Ilsien komuni jew traduzzjoni meħtieġa

B 1254

5	**GĦAN TAN-NOTIFIKA, li għandu jiġi komunikat lid-destinatarju [*Il-parti* "li tkun komunikata lid-destinatarju" għandha tidher biss jekk it-talba hija bażata fuq id-Direttiva 2010/24/UE].**
A	Din in-notifika hija maħsuba: ☐ biex tinforma lid-destinatarju, dwar id-dokument(i) li miegħu dan id-dokument ta' informazzjoni hu mehmuż ☐ biex tinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni fir-rigward tat-talba (iet) imsemmija fid-dokument(i) notifikat(i). ☐ biex tikkonferma mad-destinatarju, dwar l-obbligu tiegħu / tagħha li jħallas.
B	Id-destinatarju tan-notifika huwa meqjus li jkun: ☐ id-debitur prinċipali ☐ il-kodebitur ☐ il-persuna għajr il-(ko)debitur, responsabbli għall-ħlas għat-taxxi, għad-dazji u għal miżuri oħra, jew għal talbiet oħra relatati ma' dawn it-taxxi, dazji u miżuri oħra taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat applikant; ☐ il-persuna għajr id-debitur jew il-kodebitur, li jkollha attiv li jkunu ta', jew li jkollha d-dejn mal-(ko)debitur jew ma' kull persuna responsabbli oħra. ☐ il-parti terza li tista' tiġi affettwata minn miżuri ta' infurzar li jikkonċernaw persuni oħra.
C	*Dawn li ġejjin għandhom jidhru jekk wieħed miż-żewġ* checkboxes *eżatt hawn fuq huma magħżula]* Id-dokumenti notifikati jirrigwardaw talbiet relatati ma' taxxi jew dazji, li għalihom il-persuna(i) li ġejja (jin) huwa (huma) responsabbli bħala: ☐ *Debitur prinċipali* ☐ kodebitur ☐ persuna għajr id-debitur jew il-kodebitur, responsabbli għall-ħlas tat-taxxi, dazji u miżuri oħra, jew għal talbiet oħra relatati ma' dawn it-taxxi, dazji u miżuri oħra taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat applikant ☐ *Għal persuni naturali:* Isem (ismijiet): Kunjom: Indirizz: ☐ magħruf - ☐ sopponut Triq u numru: Dettalji tal-indirizz: Kodiċi postali u belt: Pajjiż: ☐ *Jew għal entitajiet legali:* Isem il-Kumpannija: Stat legali: Indirizz: ☐ magħruf - ☐ sopponut Triq u numru: Dettalji tal-indirizz Kodiċi postali u belt: Pajjiż:

6	**DESKRIZZJONI TAD-DOKUMENT(I) NOTIFIKAT(I), li tkun komunikata lid-destinatarju [il-parti "** ***li tkun komunikata lid-destinatarju" għandha tidher biss jekk it-talba hija bażata fuq id-Direttiva 2010/24/UE*****].]***** **DIN IL-KAXXA TISTA' TIĠI MULTIPLIKATA**
